# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 25 ta' April 2001**

**Avviz. numru 1537/00**

**Numru 40**

**Cycle World Limited**

**vs**

**John Galea**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' sitt mitt lira Maltin (Lm600) dovuta lilha bhala bilanc ta' prezz ta' mutur tal-ghamla Peugeot scooter bin-numru ta' registrazzjoni CBH-457 lill-konvenut mibjugh, prevja dikjarazzjoni minn dina l-Qorti, jekk hemm bzonn, illi il-konvenut ddekada mill-beneficcju tat-terminu skond il-ftehim bejn il-kontendenti datat 17 ta' April, 2000.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tad-29 ta' Settembru, 2000 u bl-interessi legali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-nota ta' cessjoni tat-2 ta' April 2001 li biha is-socjeta attrici cediet l-istess meritu tal-kawza pero zammet ferm fuq il-kap tal-ispejjez.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fit-2 ta' April 2001 meta gew prezentati l-kapitoli, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-meritu tilqa t-talba tas-socjeta attrici in rigward il-kap tal-ispejjez u tikkundanna lill-istess konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici l-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tad-29 ta' Settembru 2000.

Alan Calleja
Dep.Reg